# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 413/01**

**Numru 38**

**Forestals (Appliances) Ltd**

**vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm511.85) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mill-istess socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Jannar 2001 u tal-Mandat ta' Qbid nru 997/01NB ammontanti ghal Lm24.67, oltre l-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali u cjoe' mill-10 ta' Jannar 2001 sal-pagament effettiv.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm511.85,0 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Jannar 2001 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 997/01 ammontanti ghal Lm24.67,0.

Alan Calleja
Dep.Reg